**Alternattiva Demokratika – The Green Party**
10, Triq Manwel Dimech, Sliema, MALTA.
www.alternattiva.org.mt info@alternattiva.org.mt +356 21314040

---

L-Ispeaker, L-On. Louis Galea

Kamra tad-Deputati

Valletta

23 ta' Settembru 2008

Ghaziz On. Galea,

Qieghed nibghatlek il-proposti ta' Alternattiva Demokratika - The Green Party dwar r-regolamentazzjoni tal-finanzjament tal-partiti politici.

Nittama li nkunu nistghu nispjegaw aktar fit-tul fil-laqgha programmata mal-Kumitat maghzul tal-Kamra.

Waqt li nirringrazzjak ta' l-attenzjoni, inselli ghalik.

Dejjem tieghek,

Arnold Cassola

Chairperson, Alternattiva Demokratika - The Green Party

PROPOSTI TA' ALTERNATTIVA DEMOKRATIKA DWAR REGOLAMENTAZZJONI TAL-FINANZJAMENTI LILL-PARTITI POLITICI

PREMESSA: Alternattiva Demokratika tinsisti li l-finanzjament pubbliku tal-partiti politici ghandu jkun mzewweg ma' regolamenti stretti li jirregolaw id-donazzjonijiet lill-partiti politici.

Wara li jigu definiti dawn ir-regoli stretti dwar id-donazzjonijiet, AD qed tipproponi finanzjament ta' 3 Ewro fis-sena ghal kull vot miksub f'elezzjoni fuq livell nazzjonali, i.e. fl-Elezzjonijiet Generali u Ewropej.

1. Il-principju baziku li tishaq fuqu l-AD hu li ghandu jkun hemm finanzjament mill-Istat lill-partiti politici BISS jekk fl-istess hin tigi fis-sehh ligi li tirregola l-mod kif isiru donazzjonijiet lill-partiti politici.

2. AD qed tipproponi li donazzjonijiet ta' 'l fuq minn 5,000 Ewro (fi flus jew f'materjal u/jew servizzi) ghandhom jigu dikjarati mill-partit u ghandha ssir pubblika l-identita' tal-persuna/i jew entitajiet li qed jaghmlu d-donazzjoni.

3.Donazzjonijiet ta' l fuq minn 40,000 Ewro ghandhom ikunu illegali. L-Ufficcju ta' l-Ombudsman ghandu jkun l-ufficcju li jirregola dan il-kamp.

4. Il-kontijiet certifikati tal-partiti politici ghandhom ikunu soggetti ghal certifikazzjoni minn awditur pubbliku u ghandhom ikunu accessibbli ghall-pubbliku.

5. Kumpaniji b'responsabbilta' limitata li huma propjeta' tal-partiti politici ghandhom dejjem jissottomettu l-kontijiet certifikati taghhom lill-MFSA.

6. Jekk isehhu dawn ir-regolamenti dwar id-donazzjonijiet, allura l-AD tipproponi li l-Istat ghandu jaghti 3 Ewro fis-sena ghal kull vot validu mitfugh lill-partit f'elezzjoni fuq livell nazzjonali (elezzjoni generali u elezzjoni Ewropea), irrispettivament jekk jigix elett fil-Parlament jew le.